MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2009

Numru. 1156/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH HERSEY**
**KONTRA**

**ANGELE FALZON**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Angele Falzon ta’ 29 sena, bint Louis Buhagiar u Michelle nee’ Mifsud, mwielda Scotland nhar l- 14 ta’ Novembru 1979 u residenti fil- fond 5/1, Triq Dr. Guze’ Miceli, Gzira, detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 128096(M);

Li giet mressqa quddiemha sabiex twiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) fid- 19 ta' Frar 2009, u fil- jiem ta' qabel, gewwa San Pawl il- Bahar u f' dawn il- Gzejjer, impjegat jew tat xoghol lill- persuna li ma kienitx persuna ezenti u li ma kelliex licenzja moghtija lilha ghal dak l- impjieg jew xoghol skond id- disposizzjonijiet tal- Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, jew mod iehor ghenet jew assistiet, persuna ezenti, cioe' lil Tea Cevic (numru tal- passaport 006100960) fl- ghemil ta' reat mahsub taht l- Artikolu 32 tal- Kapitolu 217 tal- Ligijiet ta' Malta;

2) ukoll talli bhala l- persuna responsabbli tax-xoghol li kien qieghed isir gewwa 'Casa Serena', dar tal-Anzjani, San Pawl il- Bahar, u nhawi ohra f' Malta, impjegat persuna li ma kienitx cittadina ta' Malta, cioe' lil Tea Cevic (numru tal- passaport 006100960), meta din il-persuna ma kelliex permess validu u ufficjali;

3) ukoll talli fl- istess zmien u cirkostanzi bhala l-principal, jew il- persuna li mpjegat persuna ohra, cioe' lil Tea Celvic (numru tal- passaport 006100960), full- time, part- time jew xort' ohra b' kuntratt definit jew indefinit jew bi prova, naqset li tinnotifika lill- Korporazzjoni tax- Xoghol u Tahrig b' dan l- impjieg kif hemm fl- Avviz Legali 110 tas- sena 1993 (3a u 10);

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni fi stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnha wara li l-Qorti tatha zmien xieraq skond il-ligi sabiex tikkonsidra sew din l-ammissjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza huma kemm xejn partikolari, u fil-fehma tal-Qorti juru kemm ma kienx hemm hazen fil-mohh tal-imputata fit-twettiq ta' dan ir-reat. L-imputata hija responsabbli ghat-tmexxija tad-dar tal-anzjani gewwa San Pawl il-Bahar maghrufa bhala "Casa Serena". Hi tat xoghol lil certa Tea Cevic bi prova ghal ftit zmien, sakemm din il-persuna barranija tirregolarizza l-posizzjoni taghha ghall-fini ta' impieg f' Malta. Fil-fatt, illum Cevic ghandha l-permessi kollha mehtiega, u ghadha tahdem fl-istess stabbiliment. Il-Qorti ghalhekk hi tal-fehma li, ghalkemm ser tinghata l-piena skond il-ligi, ghandu jkun temperament fl-ghoti taghha.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 32 tal- Kapitolu 217 u l- Avviz Legali 110 tas- sena 1993 (3a u 10) tal- Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imsemmija imputata hatja u ghaldaqstant tikkundannaha multa ta' sitt mitt ewro (€ 600).

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------